# OBELISK FIL-ĦAMRUN

*minn Alfie Guillaumier*

Bil-għan li forsi nqajjem xi ftit kuxjenza Ħamruniża, se nġib hawn ftit fatti dwar l-obelisk li jinsab fil-Ħamrun li ftit huma dawk li qatt rawh, għajr il-ġirien li jarawh quddiemhom, bla ma forsi jafu dik il-massa ġebel x'inhi. Jafu biss li hu xi monument, għaliex fl-għamla tiegħu jindika li hu xi ħaġa ta' min iħares lejh.

Mela, missieri fi ċkunitu kien joqgħod x'imkien Strada San Gejtanu, u jien kont dejjem nisimgħu jgħid li fil-bitħa ta' Ġanni l-mastrudaxxa hemm monument. Però dan qatt ma kien jaf għid dak il-monument x'kien, l-ewwel forsi l-għaliex ma kienx jinteressah, u tieninett għaliex dan Ġanni kien jaħbat fi Strada San Giovanni u kien jiġi dar ma' dar ma' fejn kien joqgħod missieri fi tfulitu. Meta għadda ż-żmien u missieri mar joqgħod fi Strada San Giovanni fejn twelidt jien fin-numru 1 (illum dan il-bieb m'għadux jeżisti għaliex ġie nkorporat ma' dar oħra) isem dan il-monument baqa' mpressjonat f'moħħi sakemm meta ġejt biex nikteb l-istorja tal-Ħamrun u qbadt niġbor il-materjal, u hawn ftakart fi kliem missieri u l-monument li kien isemmi lili u lil ħuti. Issa Ġanni ma kienx għadu joqgħod hemm. Fil-gwerra kienet mietitlu l-mara u t-tifla ta' xi ħmistax-il sena b'bomba li ġiet fuq id-dar tiegħu, u li għal ftit ma tarx dan il-monument ukoll. Però minfloku kien daħal mastrudaxxa ieħor, ċertu Ġorġ Xuereb bil-familja. Darba kont avviċinat lil dan Ġorġ u staqsejtu jekk hux veru li fil-bitħa tiegħu kien hemm monument. Ġorġ urieni dan il-monument u tellagħni fis-setaħ biex inkun nista' narah aħjar. Stagħġibt kif quddiemi rajt monument il-kobor tiegħu u ma nesaġerax meta ngħid li fih ftit inqas minn dak ta' 'Spencer' fil-Blata l-Bajda, imma isbaħ minnu, kif wieħed jista' jara minn dan ir-ritratt. Fin-naħa t'isfel għandu l-post ta' arma, li naturalment kienet taret bil-bomba li ġiet ħdejh. Jien ikkuppjajt l-iskrizzjon u ħadt id-dettalji kollha biex nippublikah.

Fi Frar 1968 kont qed nippublika fuq 'Il-Berqa', il-parti dwar il-Ħamrun mis-serje 'Bliet u Rħula Maltin' u malli semmejt dan lill-Avukat Dr. Carmelo Testa, storiku mil-aqwa, u li dak iż-żmien kien inkarigat minn din il-paġna, talabni jekk stajtx nirranġa biex jibgħat fotografu ħalli neħdulu ritratt u nġibuh fuq 'Il-Berqa'. Dak inhar stess jien kellimt lil dan Ġorġ, tani l-ħin x'kien kellu jmur il-fotografu u naħseb li dan kien l-ewwel ritratt li qatt deher ta' dan il-monument. Minn dak inhar ħafna nies saru jafu bih, bla qatt ma rawh.

Ma nafx kif, daħalli f'moħħi li forsi nħajjar lill-awtoritajiet biex nippruvaw noħorġu dan il-monument midfun ġo bitħa, u nqegħduh ġo xi pjazza... żgur li jkun aħjar minn fejn qiegħed. B'hekk jista' jitgawda minn kulħadd.

Sal-lum għadu hemm, imma għandi fehma soda li xi darba għad narawh isebbaħ xi pjazzetta. Kieku ma tkunx idea ħażina li nqiegħduh fir-*roundabout* ta' ħdejn l-istazzjon

*ikompli f'paġna 15*

*minn paġna 13*

tal-ferrovija... illum l-i*scouts*.

L-istorja ta' dan l-obelisk hija sempliċi. Wara li kien ilu xi mitejn sena jġorr l-ilma ġo fih, l-Akwadott kien beda jitmermer u kellu bżonn li jiġi restawrat. Indaħal il-Gran Mastru De Rohan għal dan ix-xogħol kif tgħid il-kitba fuq dan l-obelisk, u dan sar fl-1780.

U biex tibqa' mfakkra din il-ħidma hekk ta' fejda, kien inbena' fin-niżla ta' l-għolja ta' Tas-Samra, dan l-obelisk li maż-żmien sab ruħu mdawwar bil-bini tal-privat.



L-Obelisk li nbena mill-Gran Mastru De Rohan.